

# ĠEREMIJA GĦAND IL-FUĦĦARI (ĠER 18, 1-5) (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-ktieb tal-profeta Ġeremija, l-bniedem li tant bata, ġie imwarrab u miċħud minn niesu stess iservi biex faċilment wieħed jasal għand Ġesù. Meta Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu: "Min igħidu n-nies li hu Bin il-Bniedem? U huma weġbuh: Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn Elija; u oħrajn Ġeremija jew wieħed mill-profeti" (Mt 16,13-14). Ta' min jinnota li fost il-personaġġi li ġew imsieħba ma' Ġesù ħafna mill-qrib hemm il-figura ta' Ġeremija, u mhux il-kbir Isaija, Eżekjel jew xi wieħed mill-profeti l-oħra!

Kiteb ħafna sew il-patri Alonso Schökel fid-daħla tiegħu għall-ktieb dwar Ġeremija li "ma hemm ebda profeta ieħor li joffri tant dettalji dwar ħidmietu ħajtu u tbatijietu daqs il-profeta Ġeremija". U minħabba dan kollu, l-ktieb ta' Ġeremija li fih tnejn u ħamsin kapitlu, it-tieni wieħed wara Isaija li fih sitta u sittin kapitlu, joffri ħafna okkażjonijiet ta' riflessjoni u tagħlim utli anke għal żminijietna.

## Għand il-fuħħari

Ix-xogħol tal-ħdim fuq it-tafal għadu jsir naturalment fil-belt il-qadima ta Ġerusalemm. Ir-raġel, il-fuħħari, jaqbad biċċa tafal ratba, jqegħedha fuq ir-rota u b'siequ jibda jdawwar l-injama li fuqha ikun hemm it-tafal. Imbagħad



b'subgħajh, aktarx il-kbir u l-werrej taż-żewġ idejn, jibda jagħti l-forma lil dik il-biċċa tafal. Jekk l-oġġet ma jogħġobx lill-fuħħari, hu jerġa' jitfa' l-biċċa tafal ġol-barmil mimli tafal artab. Dan ix-xogħol rajtu jsir tmienja u erbgħin sena ilu dejjem fil-belt il-qadima ta' Ġerusalemm.



Issa il-profeta fuq ordni diretta ta' Alla mar għand il-fuħħari. Ma marx minn jeddu:

> *"Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu: "Qum u inżel għand il-fuħħari: u hemm jiena nsemmgħek kliemi." Jiena nżilt għand il-fuħħari, u sibtu qiegħed jaħdem fuq ir-rota."*

(Ġer 18,1-3).

Minn din is-silta u dak kollu li jkompli jiġi wara jidher sew li theddid serju u aħrax kien jinsab imdendel fuq il-belt ta' Ġerusalemm. Fil-fatt fil-vers ħdax naqraw hekk: "Arawni, jien qiegħed inħejji ħsara għalikom u nfassal pjan kontrikom". Mela ż-żmien ta' din it-theddida huwa l-attakk feroċi minn Nabukodonosor fis-sena 587. Nistgħu naslu biex nikkonkludu kemm kellu żmien Ġeremija: bejn ħamsa u tletin u ħamsa u erbgħin sena.

Din il-verità tkompli tissaħħaħ u tintrabat mil-lista ta' verbi qawwijin wara xulxin. "Hekk Jien xi drabi naqtagħha li poplu jew saltna naqlagħha, ngarrafha u neqridha" (Ġer 18,7). Kif ukoll "drabi oħra naqtagħha li poplu jew saltna nibniha u nħawwilha" (Ġer 18,9).

Dawn il-verbi mimlijin azzjoni jaqblu sew ma' oħrajn li qegħdin preċiżament fil-bidu tal-ktieb tal-profeta msemmi. L-ewwel hemm azzjoni simbolika ġejja min-naħa ta' Alla, fejn l-Mulej imiss fomm Ġeremija. Dritt wara hemm is-sensiela ta' verbi: "Ara, qegħedtlek kliemi fuq fommok. Ara jien illum qegħedtek fuq il-ġnus u s-saltniet, biex taqla' u ġġarraf, biex teqred u tħott, biex tibni u tħawwel" (Ġer 1, 9-10). Hawn għandna erba' verbi fin-negattiv u tnejn fil-pożittiv.

Tradizzjonalment dawn huma verbi biex jindikaw u juru liema kellha tkun il-missjoni ta' Ġeremija. Waħda iebsa u ta' sogru kbir tassew għal ħajtu.

## Xempju ta' qawwa

Din is-silta tidher quddiemna kif probabbilment għexha Ġeremija nnifsu.





Għalhekk hija nieqsa minn deskrizzjonijiet ċari u dettaljati ħafna! Wara aktar minn 2500 sena, wieħed għadu jħoss il-qawwa drammatika tal-esperjenza kera u iebsa li minnha għadda Ġeremija. Huwa stess kellu jħabbar ġejjieni ikrah u mdallam tassew għall-belt il-qaddisa - Ġerusalemm.

U ta' dan il-profeta tħallas tassew bi prezz qares ta' ħajtu stess. Minkejja dak li għamel biex jiftaħ beraħ għajnejn il-poplu. "U ħadu lil Ġeremija u xeħtuh fil-bir ta' Malakija, bin is-sultan li kien fil-bitħa tal-għassa; mbagħad lil Ġeremija niżżluh bil-ħbula f'dan il-bir; ilma ma kienx fih, imma ħama biss; u Ġeremija għodos fil-ħama" (Ġer 38,6).

Interessanti kif dan kollu sar u ġie mmudellat fuq ix-xempju tal-fuħħari li jaħdem fuq ir-rota. Din sa ftit snin ilu kienet xena komuni sew qalb it-toroq dojoq u mserpin tal-belt il-qadima. Xeni bħal din għadek issibhom ukoll f'Ħebron il-belt tal-patrijarki u tal-matrijarki. Ġeremija jiffissa ħarstu fuq ħaddiem it-tafal, josservah sew u bil-mod il-mod fehem li l-istess xorti tat-tafal tista' tmiss ukoll lill-belt flimkien man-nies li qegħdin jgħixu fiha! Kemm-il darba t-tafal jiqaflu lill-fuħħari, allura jwarrbu u jerġa' jixħtu ġol-barmil mimli tafal minn fejn ġabu. Jekk imbagħad, dik il-biċċa tafal titħalla li tinħadem, il-fuħħari jagħmilha u jagħtiha l-forma ta' ġieħ kif jixtieq hu.

Issa tmiss ma' din il-ġrajja tal-fuħħari u t-tafal hemm il-pass l-ieħor spiritwali li huwa t-tokk ta' din ix-xena tant suġġestiva: "Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja dar ta' Israel" (Ġer 18,6b). Interessanti li dan il-ħsieb ta' telqa f'idejn il-Mulej, huwa wieħed komuni fil-Bibbja. Hekk il-profeta Isaija: "Jaqaw il-fuħħari jitqies bħat-tafal, biex ix-xogħol jgħid fuq min għamlu: M'hux hu għamilni! U l-fuħħari jgħid fuq il-fuħħari: Ma jifhimx?" (Is 29,16).

Minn dan il-kliem wieħed jinduna li l-ħsieb imur dwar il-ħolqien. Il-bniedem ried iwarrab is-sens li hu kreatura, infixel, ried jaqleb kollox ippretenda li jista' jdur fuq Alla u jgħidlu

kif għandu jagħmel. Dan huwa l-atteġġjament tal-ħlejqa, li tinsa u twarrab li ġiet maħluqa minn Alla u għalhekk twarrbu jekk mhux ukoll tirreżistilu.

Hemm ukoll test ieħor ta' Isaija: "Ħażin għal min jitlewwem ma' min għamlu; bħal xaqqufa ma' min jaħdem it-tajn! Jaqaw jgħid it-tafal lill-fuħħari; x'inti tagħmel!? Jew inkella "xogħlok bla fejda" (Is 45,9).

Din il-metafora tal-fuħħari qiegħda f'partijiet oħra tal-Bibbja, imma taf il-bidu tagħha fil-ktieb tal-Ġenesi 2,7: "Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (Ġen 2,7). Hawn hu l-prinċipju veru u reali ta' kull bniedem materja u spirtu! Nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja".

L-appostlu San Pawl, it-Testment il-Qadim kien jafu sew. Issa fl-ittra tiegħu lir-Rumani, Pawlu jaqbad din il-metafora tal-fuħħari u jfissirha tajjeb ħafna. "Ja bniedem, int min int biex teħodha ma' Alla? Forsi l-fuħħar jeħodha kontra l-ħaddiem u jgħidlu: "Għaliex għamiltni hekk?" Ma jistax il-ħaddiem tal-fuħħar jagħmel mit-taħlita tat-tafal oġġett ta' ġieħ jew oġġett ta' għajb?" (Rum 9, 20-21).

Il-profeta Ġeremija jitlaq minn fatt eżiżtenzjali; anzi ħaj u li kien qiegħed jarah isir taħt għajnejh. Għalhekk il-profeta seta' jwassal il-konklużjonijiet prattiċi tiegħu. Ġeremija huwa persważ li kull bniedem qiegħed bħat-tafal f'idejn il-fuħħari. Hu jiddeċiedi liema forma jagħti t-tafal, hu jiddeċiedi x'oġġett jippreżenta b'din il-biċċa tafal. Issa f'dan il-każ partikulari l-fuħħari huwa Alla, u t-tafal il-bniedem ta' kull żmien, ġens, u età. Hija metafora ċara daqskemm attwali. Jekk il-bniedem jitħalla li jiġi magħġun u mogħti l-forma minn Alla allura joħroġ oġġett sabiħ u meħtieġ. Jekk għall-kuntrarju t-tafal waqt li jkun qed jinħadem meta jkun fuq ir-rota jirreżisti lill-fuħħari, allura kollox jitkisser u jitfarrak u l-fuħħari jaqbad iċ-ċappa tafal u jarmiha mill-ġdid fil-barmil mimli tafal imċaflas bl-ilma! Ġeremija kien arċi persważ minn dan kollu.

Ġeremija kompla jipperswadi ruħu minn din il-verità għaliex kien qed jara theddid l-aktar serju mdendel fuq il-belt ta' Ġerusalemm u n-nies kollha li kienu jgħixu hemm. Dan kien tassew il-kuntest veru u reali ta' Ġeremija. Il-poplu rreżista 'l Alla u s-sejħat li jagħmillu permezz tal-profeti, u għalhekk ma kienx hemm triq oħra għajr li jkisser it-tafal u jerġa' jibda jaħdmu mill-ġdid. Dan sar tassew għaliex il-poplu Lhudi sofra l-eżilju tal-Babilonja, żmien ta' disperazzjoni, ta' telqa u ta' qtigħ il-qalb ta' krib u tinwieħ. "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna" (Sl 137,1). "Ah! Kif inhi weħidha, il-belt li kienet tiżgħed bin-nies! Saret bħal armla l-kbira fost il-ġnus! Is-sidt fost l-ibliet, il-ħaraġ ikollha tħallas. Bil-lejl tibki biki tad-demm, dmugħha jġelben ma' ħaddejha." (Lam 1, 1-2). Iżda wara ħamsin sena, fejn il-poplu tnaddaf waħda sewwa spiritwalment, reġa' lura lejn arthu Israel.